# FEJN HU MIDFUN MATTIJA PRETI

Il-pittur Mattija Preti, imlaqqam *il-Kalabriż*, twieled fl-24 ta'Frar 1613 fil-belt iċ-ċkejkna ta' Taverna, fil-Kalabbrja, u jumejn wara ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' San Martin.

Dana Preti, għall-kbira ħila li kellu fis-sengħa tal-pittura, hu mfaħħar mad-dinja kollha, u l-pittura tiegħu tinsab fl-aqwa Bliet ta' Barra.

Għal dina l-ħila tiegħu, il-Papa Urbanu VIII talab lill-Gran Mastru Laskri biex idaħħal lil Preti fl-Ordni ta' San Ġwann, kif kien jixtieq l-imsemmi Preti. Għalhekk, il-Papa bagħat *Brevi* lill-Gran Mastru fit-13 ta' Novembru 1641 u oħra fit-18 ta' Ottubru 1642 fuq din il-biċċa. Laskri, billi ġie mgħarraf bin-nobbiltà ta' Preti qagħad għalli ried il-Papa, u lil Mattija saritlu l-funzjoni tad-daħla tiegħu fl-Ordni ta' San Ġwann, bħala Kavalier ta' l-Ubbidjenza, fil-31 ta' Ottubru 1642, fil-Knisja ta' l-Ordni, S. Anna di Borgo, Ruma.

Fl-1657 miet il-Gran Mastru Laskri, u floku laħaq De Redin, u billi dana kien jaf kemm Preti jinqala' għall-pittura, bagħat għalih biex ipinġi s-saqaf ta' San Ġwann.

Mattija ġie hawn, fejn pinġa bosta kwadri f'ħafna knejjes; iżda, l-akbar tifkira tal-kbira ħila tiegħu, ħallhielna fit-tpinġija tas-saqaf ta' San Ġwann—pittura li kull min jiġi jżur gżiritna jħalli għaqlu fuqha.

Għax-xogħol li għamel f'San Ġwann, Preti ma ried l-ebda ħlas ta' xejn; iżda l-Ordni ħallsu b'ħaġ'oħra, billi ħariġlu bosta pensjonijiet u maż-żmien għaddieh il-quddiem fl-Ordni u laħħqu Kmandatur ta' Persighella u Prijur tal-Lombardija.

Wara 36 sena li Mattija Preti għammar fi Gżiritna, miet hawn fit-3 ta' Jannar 1699, meta kellu 86 sena u ġie midfun f'San Ġwann.

Xi wħud li kitbu fuq Mattija Preti, fosthom Bernardo De Domenicis u l-Prof. Gustu Bartlu, igħidu li dana Mattija jinsab midfun taħt in-Navata ta' ħdejn is-Sagristija, fil-ħin li aħna sibna li Preti m'hux hemm jinsab midfun. Iżda dawn il-kittieba f'din il-biċċa ma għandhom l-ebda ħtija meta qalu hekk, għax dawn ġew imqarrqa mil-lapida li nagħmlet biex tgħatti ġisem Mattija Preti u din il-lapida tinsab taħt in-Navata li semmejna.

Min imur San Ġwann u jara dawk il-lapidi fl-art, jaħseb li qegħdin igħattu tassew l-iġsma ta' dawk il-Kavalieri li il-lapida ġġib l-isem tagħhom; iżda dawn jinsabu mqarrqa, għax, kif inhuma l-oqbra ta' San Ġwann, ftit huma dawk il-lapidi li tassew qegħdin igħattu l-iġsma tal-Kavalieri. Għalhekk, bil-kliem kollu ta' *Hic situs est* li jġibu bosta mil-lapidi, taħthom ma jkun hemm xejn ħlief oqbra fiergħa, fuq li xi wħud mill-Kavalieri jkunu midfuna band'oħra, ingħidu aħna fil-*Kantina Barthelot*, jiġifieri f'dik il-kannierja li tinsab taħt l-Oratorju ta' San Ġwann inkella f'band'oħra.

Barra minn dan li semmejna, xi wħud jaħsbu wkoll' li għax il-lapida tgħid li hemm taħtha jinsab midfun dan jew dak il-Kavalier, ikun minnu tassew, u dawn jaħsbu hekk, għax ma jafux li bosta mil-lapidi ġew imqanqla minn posthom u ma reġgħux tqiegħdu fejn kienu ; u għalhekk flok ma jkun hemm midfun il-Kavalier li tgħid il-lapida, jista' jkun hemm midfun Kavalier ieħor, jew Kmandatur, inkella Prijur.

Din il-biċċa tat-taħwid fil-lapidi, kienet saret fi żmien l-Ordni stess. Waħda mil-lapidi li tqanqlet u ma reġgħetx tqiegħdet fejn kienet, hija dik ta' Mattija Preti. Ara kemm hu hekk, fil-ktieb li fih kienu jitniżżlu l-Kavalieri li jmutu, imsejjaħ *Liber Defunctorum* — ktieb li jinsab fl-Arkivju ta' l-Ordni u jġib il-għadd 1948 — insibu li Mattija Preti huwa midfun *Ante arcum sacelli sacrestiae* : jiġifieri quddiem in-navata tas-Sagristija, u mhux taħtha, bħal ma wieħed jista' jaħseb, billi l-lapida ta' Preti tinsab hemm.

Dana t-tqallib fil-lapidi, l-aktar li kien jiġri, meta kienet issir xi tiswija fihom (fil-lapidi); iżda fit-tiswija li nagħmlet fil-paviment ta' San Ġwann fl-1840, ħadu l-ħsieb sewwa, li, meta lapida tkun tassew qiegħda tgħatti mejjet, joqogħdu b'għajnejhom miftuħa li ma tinbidilx ma' xi oħra, iżda dejjem iqiegħdu l-istess waħda li kien hemm qabel—ħaġa li fi żmien l-Ordni ma kienu jieħdu ħsiebha xejn. Għalhekk, fi żmien l-Ordni, il-lapida tal-Kmandatur Fra Mattija Preti, kif insibu fil-*Portafoglio Maltese* tas-6 ta' Lulju 1840 ġiet maqlugħa minn nofs il-Knisja ta' San Ġwann, fejn Preti kien midfun, u nagħmlet fl-Oratorju; iżda wara xi żmien reġgħet inqgħalet minn hemm u ġiet imqiegħdha taħt in-Navata tas-Sagristija —l-ewwel waħda tal-lemin int u dieħel taħt in-Navata mill-Bieb il-kbir tal-Knisja — fejn għadha sal-lum.

Iżda, barra milli fi żmien l-Ordni qanqlu xi lapidi minn fuq xi mejtin u ma reġgħux għamluhom fejn kienu qabel, qanqlu xi mejtin ukoll. Wieħed mill-mejtin li tneħħew minn fejn ġew midfuna l-ewwel darba, huwa l-imsemmi

Pittur Mattija Preti. Ara kemm huwa hekk. Fil-ħin li fil-kotba ta' l-Ordni jinsab imniżżel li Mattija Preti ġie midfun quddiem in-Navata tas-Sagristija, f'wieħed mill-Follji ta' Malta ta' l-1861, imsejjaħ, *L'Ordine*, insibu, li Mattija Preti qiegħed midfun f'dak il-qabar li fih jinsab midfun ukoll il-Prijur Fra Pietru Viani.

Dana Viani jinsab midfun fin-nofs tal-Knisja ta' San Ġwann, bejn il-Kappelli ta' l-Alemanja u ta' Kastilja: jiġifieri quddiem dawk il-kappelli li jiġu ma' ġenb is-Sagristija u l-Oratorju.

Mela, minn dan li għedna jidher sewwa, li għalkemm il-lapida ta' Mattija Preti tinsab imqiegħdha taħt in-Navata tas-Sagristija, Preti m'hux midfun hemm iżda l-lum jinsab midfun flimkien mal-Prijur Viani li semmejna.

**Ġużè Gatt.**